



2023/2308

19.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE nru 20/2023

tat-3 ta' Frar 2023

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2308]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ⁽¹⁾ ġie inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019 ⁽²⁾ u huwa msemmi fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Il-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi fiż-Żona Ekonomika Ewropea minn depożitorji ċentrali tat-titoli (central securities depositories, CSDs) stabbiliti fpajjiż terz huma rregolati mill-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.
- (3) L-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jagħti lil-Liechtenstein deroga li tippermetti lil CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein biex ikomplu jipprovdu tali servizzi sa ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019.
- (4) Jenħtieġ li l-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat fis-sens li CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 908/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein jitħallew ikomplu jipprovdu tali servizzi għal perjodu li ma jaqbiżx is-seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk l-Artikoli 25 jew 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġu emendati matul dak il-perjodu ta' żmien, jenħtieġ li l-adattament (c) jiġi rieżaminat skont dan.
- (5) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Liechtenstein jista' jħalli lil CSDs ta' pajjiż terz li diġà jipprovdu servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein, ikomplu jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) għal perjodu li ma jaqbiżx is-seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2023 tat-3 ta' Frar 2023."

⁽¹⁾ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 60, 28.2.2019, p. 31.

Artikolu 2

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrieżaminaw l-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX meta jinkorporaw fil-Ftehim dwar iż-ŻEE kull att li jemenda jew jieħu post l-Artikolu 25 jew l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Frar 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.